# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/403

**tat-28 ta' Frar 2025**

**li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 fir-rigward tal-approvazzjoni ta' ċerti miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard tal-annimali akkwatiċi u fir-rigward tal-lista ta' speċijiet li huma suxxettibbli għal dak il-mard**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 226(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 ([2]) tistabbilixxi, fl-Annessi I, II u III tagħha, il-listi tal-Istati Membri jew ta' partijiet minnhom li jitqiesu ħielsa minn ċertu mard tal-annimali akkwatiċi, mhux elenkati f'konformità mal-Artikolu 9(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/429, jew li huma soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni għal dak il-mard, u li għalihom huma approvati l-miżuri nazzjonali, kif ukoll lista ta' speċijiet li huma suxxettibbli għal dak il-mard.

(2) Franza nnotifikat lill-Kummissjoni li ż-żona Durançole u l-kompartimenti FR 72261001 u FR 72294001, fit-territorju tagħha li huma elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, ma jistgħux jibqgħu jitqiesu ħielsa mill-KHV. L-awtorità kompetenti mhux se tibqa' tieħu miżuri nazzjonali biex tipprevjeni l-introduzzjoni ta' dik il-marda jew biex tikkontrolla t-tixrid tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li dik iż-żona u dawk il-kompartimenti jitneħħew mil-lista f'dak l-Anness.

(3) Id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kompartimenti 103647 u 117789 u fit-territorju tagħha, li huma elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, ma jistgħux jibqgħu jitqiesu ħielsa kemm mill-marda batterika tal-kliewi (BKD) kif ukoll min-nekrożi pankreatika infettiva (IPN). Barra minn hekk, id-Danimarka infurmat lill-Kummissjoni li l-kompartiment 104106 fit-territorju tagħha ma jistax jibqa' jitqies ħieles mill-IPN. L-awtorità kompetenti mhux se tibqa' tieħu miżuri nazzjonali biex tipprevjeni l-introduzzjoni ta' dak il-mard jew biex tikkontrolla t-tixrid tiegħu f'dawk il-kompartimenti. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-kompartimenti jitneħħew mil-lista fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260.

(4) Id-Danimarka nnotifikat ukoll lill-Kummissjoni li l-kompartiment 122491 fit-territorju tagħha, li huwa elenkat fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, ma jistax jibqa' jitqies li għandu programm ta' eradikazzjoni għall-BKD. L-awtorità kompetenti mhux se tibqa' tieħu miżuri nazzjonali biex tipprevjeni l-introduzzjoni ta' din il-marda jew biex tikkontrolla t-tixrid tagħha f'dak il-kompartiment. Barra minn hekk, dak il-kompartiment jenħtieġ għalhekk, li jitneħħa mil-lista f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260 tal-11 ta' Frar 2021 li tapprova miżuri nazzjonali mfassla biex jillimitaw l-impatt ta' ċertu mard ta' annimali akkwatiċi f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li thassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (ĠU L 59, 19.2.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/260/oj).

(5) Barra minn hekk, id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni li l-programm ta' eradikazzjoni għal ċertu mard, imsemmi fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, issa ġie ffinalizzat b'suċċess fir-rigward tal-BKD għall-kompartiment 106314 fit-territorju tagħha li huwa elenkat f'dak l-Anness. Għaldaqstant, dak il-kompartiment jista' jitqies ħieles mill-BKD u, għalhekk, jenħtieġ li jitneħħa mil-lista f'dak l-Anness. Minflok, jenħtieġ li jiddaħħal fil-lista ta' kompartimenti li jitqiesu ħielsa mill-BKD fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni u l-awtorità kompetenti se tieħu miżuri nazzjonali biex tipprevjeni l-introduzzjoni ta' dik il-marda jew biex tikkontrolla t-tixrid tagħha.

(6) Barra minn hekk, id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni li kienet bdiet programm ta' eradikazzjoni għall-BKD għall-kompartimenti 83138 u 103606 fit-territorju tagħha. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-kompartimenti jiżdiedu mal-lista ta' kompartimenti li huma soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni għall-BKD fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 u l-awtorità kompetenti se tieħu miżuri nazzjonali biex tipprevjeni l-introduzzjoni ta' dik il-marda jew biex tikkontrolla t-tixrid tagħha.

(7) Għalhekk jenħtieġ li l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 jiġu emendati skont dan.

(8) Barra minn hekk, l-opinjonijiet riċenti tal-EFSA dwar il-BKD ([3]), l-infezzjoni bil-*Gyrodactylus salaris* ([4]), in-nekrożi pankreatika infettiva ([5]), l-infezzjoni bl-alfavirus tas-salmonidi ([6]), u l-viremija tar-Rebbiegħa tal-karpjun ([7]), stabbilew listi ta' speċijiet ta' annimali akkwatiċi li huma suxxettibbli għal dak il-mard. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 jiġi emendat biex jitqiesu dawk l-opinjonijiet tal-EFSA.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi I, II u III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([3]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2023.8326.
([4]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2023.8325.
([5]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2023.8028.
([6]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2023.8327.
([7]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2023.8324.

*ANNESS*

L-Annessi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata għal Franza fir-rigward tal-marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV) hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV) | Franza | FR | Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: |
| | | | FR 17116001 CE Pisiculture de l'EARL Carpio |
| | | | FR 34023506 CE SCEA les poissons du Soleil |
| | | | FR 34195501 CE Olivier Germaine – Pisciculture |
| | | | FR 39366002 CE Pisciculture du Moulin de Pierre |
| | | | FR 63263022 CE Pisciculture de Fontanas |
| | | | FR 66190003 CE SCEA les poissons du Soleil" |

(b) l-entrata għad-Danimarka fir-rigward tal-marda batterika tal-kliewi (BKD) hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Marda batterika tal-kliewi (BKD) | Id-Danimarka | DK | Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: |
| | | 84470 | Brænderigårdens Dambrug |
| | | 92158 | Hørup Mølle Dambrug |
| | | 103471 | Abildvad Dambrug |
| | | 103559 | Fårup Mølle Dambrug |
| | | 103587 | Trend Å Dambrug |
| | | 103623 | Hårkjær Dambrug |
| | | 103682 | Sangild Dambrug |
| | | 103733 | Skade Dambrug |
| | | 106314 | Ravningkær Dambrug |
| | | 118656 | AquaSearch Ova, Billund |
| | | 118844 | Ravning ægpakkeri |
| | | 128165 | Ollerupgård Dambrug" |

(c) l-entrata għad-Danimarka fir-rigward tan-nekrożi pankreatika infettiva (IPN) hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Nekrożi pankreatika infettiva (IPN) | Id-Danimarka | DK | Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: |
| | | 83138 | Hallesøhuse Dambrug |
| | | 84470 | Brænderigårdens Dambrug |
| | | 92158 | Hørup Mølle Dambrug |
| | | 103554 | Fruerlund Dambrug |
| | | 103559 | Fårup Mølle Dambrug |
| | | 103571 | Hallesø Dambrug |

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Nekrożi pankreatika infettiva (IPN) | Id-Danimarka | DK | Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: |
| | | 103606 | Lundby Dambrug |
| | | 103623 | Hårkjær Dambrug |
| | | 103668 | Ravning Dambrug |
| | | 103670 | Refsgårds Dambrug |
| | | 103682 | Sangild Dambrug |
| | | 103802 | Ådal Dambrug |
| | | 103910 | Piledal Dambrug |
| | | 106314 | Ravningkær Dambrug |
| | | 108516 | Hulsig Dambrug |
| | | 118656 | AquaSearch Ova, Billund |
| | | 118844 | Ravning ægpakkeri |
| | | 125770 | Aquasearch Ova |
| | | 128165 | Ollerupgård Dambrug" |

(2) Fl-Anness II, l-entrata għad-Danimarka fir-rigward tal-marda batterika tal-kliewi (BKD) hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| "Marda batterika tal-kliewi (BKD) | Id-Danimarka | DK | Il-kompartimenti individwali li ġejjin, kull wieħed minnhom magħmul minn stabbiliment tal-akkwakultura bin-numru tal-approvazzjoni speċifikat: |
| | | 83138 | Halle Søhuse Dambrug |
| | | 103606 | Lundby Dambrug" |

(3) L-Anness III huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Speċijiet ta' annimali akkwatiċi li huma suxxettibbli għall-mard li għalih ċerti Stati Membri** (*) **adottaw miżuri nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 226(3) tar-Regolament (UE) 2016/429**

| Marda | Speċijiet suxxettibbli |
|---|---|
| Marda tal-virus tal-erpete tal-koi | Kif elenkat fit-tielet kolonna tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 |
| Viremija tar-rebbiegħa tal-karpjun (SVC) | *Abramis brama, Aristichthys nobilis, Carassius auratus, Ctenopharyngodon idella, Cyprinus carpio, Cyprinus carpio koi, Cyprinus rubrofuscus, Danio rerio, Notemingonus crysoleucas, Percocypris pingi, Pimephales promelas, Rutilus kutum, Rutilus rutilus, Silurus glanis* |
| Marda batterika tal-kliewi (BKD) | *Anoplopoma fimbria, Lota lota, Notropis cornutus, Onchorhynchus clarkii, Oncorhyncus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus tshawytscha, Pimephales promelas, Plecoglossus altivelis, Salvelinus alpinus, Salvelinus fontinalis, Salvelinus namaycush, Salmo salar, Salmo trutta, Thymallus thymallus* |

| Marda | Speċijiet suxxettibbli |
|---|---|
| Nekrożi pankreatika infettiva (IPN) | *Anarhichas minor, Anguilla anguilla, Anguilla japonica, Brevoortia tyrannus, Channa striata, Coregonus lavaretus, Ctenolabrus rupestris, Danio rerio, Dicentrarchus labrax, Esox lucius, Gadus morhua, Hippoglossus hippoglossus, Limanda limanda, Morone saxatilis, Merluccius merluccius, Microstomus kitt, Orcorhynchus clarkii, Oncorhynchus gorbuscha, Oncorhynchus keta, Oncorhynchus kisutch, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus rhodurus, Oncorhynchus tshawytscha, Pleuronectes platessa, Scophthalmus maximus, Salmo salar, Salmo trutta, Salvelinus alpinus, Salvelinus fontinalis, Salvelinus namaycush* |
| Infezzjoni bil-*Gyrodactylus salaris* (GS) | *Oncorhynchus mykiss, Salmo trutta, Salmo salar, Salvelinus alpinus, Salvelinus fontinalis, Salvelinus namaycush, Thymallus thymallus* |
| Infezzjoni bl-alfavirus tas-salmonidi (SAV) | *Limanda limanda, Oncorhynchus mykiss, Salmo salar, Salvelinus alpinus* |

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq."